



Kumitat għall-Iżvilupp

2023/2065(INI)

29.11.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-UE u l-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC) (2023/2065(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Karsten Lucke

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-ewwel evalwazzjoni ex post tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-UE u l-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC); jenfasizza li l-FSE jipprevedi li l-kummerċ u l-investiment jikkontribwixxu għall-għan ta' żvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu; jinnota, madankollu, li għad fadal ħafna sfidi fil-pajjiżi sħab tal-SADC fir-rigward tad-diversifikazzjoni ekonomika, il-kompetittività, it-tkabbir, l-istat tad-dritt, it-tnaqqis tal-faqar, id-drittijiet tax-xogħol, il-ħtif tal-art u l-protezzjoni ambjentali;
2. Jevidenzja l-importanza tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-assistenza teknika u finanzjarja bħala fatturi essenzjali biex jintlaħqu l-oġġettivi skont il-FSE u għall-kooperazzjoni ta' benefiċċju bejn il-Partijiet;
3. Jirrimarka li l-integrazzjoni reġjonali u subreġjonali tidher b'mod prominenti fl-FSE bejn l-UE u l-SADC, peress li dan jirrappreżenta strument b'saħħtu biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-ftehim; jisħaq li l-FSE bejn l-UE u l-SADC għandu jappoġġja l-integrazzjoni reġjonali u subreġjonali, jipromwovi l-ktajjen ta' valur reġjonali fl-SADC u fl-Afrika b'mod aktar wiesa', u fl-aħħar mill-aħħar jintegra l-pajjiżi li qegħdin jżviluppaw fl-ekonomija dinjija b'mod sostenibbli; jisħaq, barra minn hekk, li l-kooperazzjoni finanzjarja għall-iżvilupp tal-UE mal-pajjiżi tal-SADC għandha tassisti l-kooperazzjoni ekonomika reġjonali u l-isforzi ta' integrazzjoni tagħhom b'mod li jagħti spinta lill-kummerċ intra-Afrikan usa';
4. Jirrikonoxxi li l-pajjiżi sħab tal-SADC jenħtieġ li jibbenefikaw mill-FSE, peress li dan iżid il-kapaċità tagħhom li jagħtu spinta lid-diversifikazzjoni ekonomika u jipproduċu prodotti manifatturati li għandhom valur miżjud; jirrimarka li l-FSE jenħtieġ li jikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-valur fil-pajjiżi tal-SADC u l-ekonomiji tagħhom, li jagħmilha wkoll neċessarja li jkun hemm regoli kummerċjali globali ġusti u favur l-iżvilupp; jirrimarka, barra minn hekk, li għandu jinkoraġġixxi politiki kummerċjali u ta' żvilupp ibbażati fuq il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija, joħloq impjiegi lokali u valur miżjud filwaqt li jgħin fil-għlieda kontra l-inugwaljanzi u t-tnaqqis u l-qerda eventwali tal-ġuħ u l-faqar b'mod sostenibbli;
5. Jissottolinja d-diffikultajiet finanzjarji u tekniċi li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) lokali jesperjenzaw biex jissodisfaw ir-regolamenti u l-istandards tal-UE li huma meħtieġa qabel ma jesportaw lejn is-suq tal-UE, li jistgħu jeskludu l-parti l-kbira tal-SMEs mill-benefiċċji tal-FSE; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi pprovduta assistenza adegwata lill-SMEs sabiex tiġi żgurata l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tal-UE u l-aċċess għas-swieq tal-UE, u għal sensibilizzazzjoni dwar l-użu tal-kwoti tariffarji;
6. Jisħaq li l-FSE jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli fil-pajjiżi SADC fi ħdan il-FSE permezz ta' kummerċ ġust u

sistema ta' investment li tqis id-differenzi fil-livell ta' żvilupp bejn l-UE u s-sħab tagħha tal-SADC fi ħdan il-FSE;

7. Jisħaq li t-talba tal-UE biex jiġu pprojbiti t-taxxi fuq l-esportazzjoni tal-materja prima ilha ostaklu fil-proċess tan-negozjati dwar il-FSE, meta jitqies li t-taxxi u d-dazji tal-esportazzjoni mhumiex ipprojbiti fi ħdan is-sistema tad-WTO; ifakkar fid-dritt tal-pajjiżi Afrikani li jirregolaw il-materja prima fl-interess pubbliku tagħhom; jappella lill-UE biex, skont dan, iżżomm lura milli tadotta politika kummerċjali li tipprojbixxi, bħala regola ġenerali, lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw milli jimponu taxxi fuq l-esportazzjoni tal-materja prima, sakemm din tkun kompatibbli mar-regoli tad-WTO;
8. Ifakkar li l-pajjiżi tal-SADC fi ħdan il-FSE ġew affettwati mill-pandemija minħabba tnaqqis fid-dħul fiskali xprunat, pereżempju, minn attivitá ekonomika mnaqqsa u prezzijiet varjabbli tal-komoditajiet u flussi kummerċjali; jissottolinja, f'dan il-kuntest, l-importanza ta' governanza tajba u assistenza fil-bini tal-kapaċità għall-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-istabbiliment ta' sistemi fiskali sostenibbli u l-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, sabiex jgħinu biex tiġi sfruttata l-kapaċità fiskali għal aktar żvilupp ekonomiku u soċjali u biex jitħares l-ambjent; ifakkar li l-UE jeħtieġ li tappoġġja bil-qawwa t-tiżiħ tal-istituzzjonijiet u l-bini komprensiv tal-kapaċità fis-settur pubbliku tal-pajjiżi sħab;
9. Jisħaq li l-FSE għandu jappoġġja dinamika kummerċjali ġdida bejn il-Partijiet permezz tal-liberalizzazzjoni asimmetrika progressiva tal-kummerċ bejniethom; jisħaq ukoll li jista' jsaħħaħ, iwessa' u japprofondixxi l-kooperazzjoni fl-oqsma kollha rilevanti għall-kummerċ u għaldaqstant isaħħaħ ukoll is-sħubija bejn il-pajjiżi tal-SADC u tal-UE; jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipju tal-liberalizzazzjoni asimmetrika tal-kummerċ bħala għodda biex jitrawmu t-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiżi tal-SADC fi ħdan il-FSE;
10. Jappella lill-UE tiżgura li l-FSE jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' qafas regolatorju reġjonali effettiv, prevedibbli u trasparenti għall-kummerċ u l-investment, b'rispett sħiħ tal-ftehimiet u l-linji gwida internazzjonali rilevanti; jenfasizza li l-FSE jridu jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-implimentazzjoni taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Kontinentali Afrikana (AfCFTA) u l-attrazzjoni tal-kapital privat, kif ukoll għall-bini ta' ktajjen tal-valur reġjonali reżiljenti u sostenibbli, u b'hekk jagħtu spinta u jiddiversifikaw il-kummerċ intra-Afrikani, li huwa indispensabbli għat-trawwim ta' żvilupp sostenibbli fit-tul u għall-kisba tal-għanijiet tal-Aġenda 2030; huwa tal-fehma li l-appoġġ tal-UE għall-AfCFTA jenħtieġ li jkun akkumpanjat mill-iżvilupp ta' oqfsa regolatorji li, min-naħa tagħhom, jaderixxu ma' standards soċjali u ambjentali stretti;
11. Ifakkar li l-kapitolu attwali tal-FSE dwar l-iżvilupp tas-sostenibbiltà tal-kummerċ (TSD) għandu kamp ta' applikazzjoni limitat rigward l-impenji vinkolanti u d-dispożizzjonijiet dwar id-djalogu mas-soċjetá ċivili; jemmen li l-FSE għandhom jintegraw b'mod sistematiku kapitolu obligatorju u infurzabbli dwar l-iżvilupp sostenibbli li jirrifletti l-oġġla standards tax-xoġhol u ambjentali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Aġenda 2030, li jinvolvi, pereżempju, l-inklużjoni ta' impenji ta' sostenibbiltà b'saħħithom relatati mal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, il-Qafas Globali tal-Bijodiversità Kunming-Montreal, l-istandards internazzjonali tax-xoġhol li huma fundamentali, u l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa; ifakkar, b'mod partikolari, li, biex il-kapitolu dwar l-

iżvilupp tas-sostenibbiltà tal-kummerç jkun effettiv dan għandu jkun kopert mill-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim; jilqa' l-integrazzjoni ta' kapitolu dwar l-iżvilupp tas-sostenibbiltà tal-kummerç fil-FSE tal-UE mal-Kenja; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibni fuq dan u tfittex li ssaħħaħ il-kapitolu fil-FSE dwar l-iżvilupp tas-sostenibbiltà tal-kummerç fil-proċess ta' rieżami li għaddej tal-FSE mal-SADC;

12. Ifakkar fl-importanza li jkunu permessi eċċezzjonijiet għall-prinċipju tat-trattament nazzjonali u l-obbligu li jiġu eliminati t-taxxi fuq l-esportazzjoni sabiex jiġu promossi u protetti industrij li għadhom jibdew u li huma essenzjali għad-diversifikazzjoni tal-ekonomiji tal-pajjiżi sħab, biex b'hekk tingħata spinta lill-iżvilupp tagħhom skont l-Artikolu XVII:C u l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerç;
13. Jevidenzja l-importanza ta' involviment wiesa', sistematiku u sinifikanti tas-sħab għall-iżvilupp, is-soċjetà ċivili lokali u reġjonali, id-dinja akkademika, it-trade unions u r-rappreżentanti tas-settur privat fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjonijiet *ex post* tal-FSE sabiex jiġi żgurat li l-FSE jissodisfa l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni filwaqt li jggarantixxi l-prinċipji fundamentali tal-iżvilupp sostenibbli; jinnota li l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-FSE dwar id-djalogo mas-soċjetà ċivili huwa limitat meta mqabbel ma' ftehimiet kummerċjali reċenti oħra tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol konsultattiv tas-soċjetà ċivili; jappella biex jiġi stabbilit mekkaniżmu formali għall-involviment tas-soċjetà ċivili filwaqt li jfakkar li l-pjattaformi attwali, bħall-oqfsa nazzjonali ta' monitoraġġ b'diversi partijiet ikkonċernati tal-Aġenda 2063 tal-Unjoni Afrikana, jistgħu jiġu ingranati wkoll għall-involviment mas-soċjetà ċivili fil-kuntest tal-FSE;
14. Jissottolinja li filwaqt li l-FSE jistgħu jipprovdu vantaġġi sinifikanti għall-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), dawn għandhom ukoll għadd ta' sfidi u żvantaġġi; jinsisti, għaldaqstant, li dawn li jfasslu l-politiki għandhom jikkunsidraw bir-reqqa dawn il-fatturi u jaħdmu biex jiżguraw li l-FSE jiġu implimentati b'mod li jimmassimizza l-benefiċċji għall-partijiet kollha involuti;
15. Ifakkar li l-Partijiet kollha għandhom dejjem jaġixxu fuq il-bażi tal-prinċipji tas-solidarjetà u interess reċiproku sabiex itejbu kollaborazzjoni produttiva, jissodisfaw l-impenji u l-obbligi tagħhom u jiffaċilitaw il-kapaċità tal-pajjiżi tal-SADC fi ħdan il-FSE biex ikomplu jimplimentaw il-Ftehim;
16. Ifakkar li jista' jkun ta' sfida għal pajjiżi tal-AKP iżgħar li m'għandhomx riżorsi u infrastruttura biex jimplimentaw dawn il-FSE; jappella biex l-UE u l-Istati Membri tagħha jassistu lill-pajjiżi sħab tagħhom li qegħdin jiżviluppaw sabiex ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet ippreżentati minn dawn il-FSE;
17. Ifakkar fil-ħtieġa li jkun hemm impenn favur standards u ftehimiet internazzjonali għal kooperazzjoni internazzjonali effiċjenti;
18. Jissottolinja l-importanza tal-impenn tal-UE għal kooperazzjoni multilaterali u biex jiġu żgurati l-interessi kummerċjali tal-Ewropa filwaqt li fl-istess ħin jiġu indirizzati wħud mill-interessi ewlenin tal-pajjiżi tal-AKP, b'mod partikolari fir-rigward tal-integrazzjoni reġjonali;
19. Ifakkar fis-soluzzjoni b'żewġ pilastri biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw

mid-diġitalizzazzjoni u l-globalizzazzjoni tal-ekonomija, kif intlaħaq qbil mill-membri tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi u tal-G20 fi ħdan il-Qafas Inklużiv dwar l-Erozzjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti;

20. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżguraw li r-rata tat-taxxa korporattiva minima globali maqbula ta' 15 % għall-intrapriżi multinazzjonali tiġi applikata b'mod effettiv; jissottolinja li din ir-rata ta' taxxa minima hija mistennija tiġġenera madwar USD 150 biljun kull sena fi dħul addizzjonali mit-taxxa globali.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn xi entità jew persuna li għandha tissemma' f'dan l-Anness skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	28.11.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 14 -: 1 0: 6
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Barry Andrews, Alessandra Basso, Stéphane Bijoux, Mercedes Bresso, Udo Bullmann, Antoni Comín i Oliveres, Ryszard Czarnecki, Charles Goerens, Mónica Silvana González, György Hölvényi, Beata Kempa, Karsten Lucke, Janina Ochojska, Tomas Tobé, Miguel Urbán Crespo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Benoît Biteau, Ilan De Basso, Malte Gallée, Marlene Mortler
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Peter Jahr, France Jamet

**VOTAZZJONI FINALI B' SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

14	+
NI	Antoni Comín i Oliveres
PPE	György Hölvényi, Peter Jahr, Marlene Mortler, Janina Ochojska, Tomas Tobé
Renew	Barry Andrews, Stéphane Bijoux, Charles Goerens
S&D	Mercedes Bresso, Udo Bullmann, Ilan De Basso, Mónica Silvana González, Karsten Lucke

1	-
ID	France Jamet

6	0
ECR	Ryszard Czarnecki, Beata Kempa
ID	Alessandra Basso
The Left	Miguel Urbán Crespo
Verts/ALE	Benoît Biteau, Malte Gallée

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni